# BAŻILIKA PROTOPARROKKJALI SAN ĠORĠ MARTRI

**L-Uffiċċju Parrokkjali, Triq il-Karità, Victoria VCT 1200** | **t:** 2155 6377 | **e:** info@stgeorge.org.mt | **L-Arċipriet • m:** 7920 4434 | **e:** archprieststgeorge@gmail.com
**w:** www.stgeorge.org.mt | **fb:** www.facebook.com/stgeorge.org.mt | **live streaming:** www.youtube.com/StGeorgesBasilica | **RADJU** *Leħen il-Belt Victoria* [104.00 FM Stereo] | **t:** 2156 5207




# L-IKBAR ĠIMGĦA

IL-KELMA TAL-ARĊIPRIET

Din hi *l-ikbar ġimgħa*. Mingħajrha ebda ġurnata oħra, ebda festa oħra ma tagħmel sens. Li kieku Kristu ma mietx u qam, xejn ma kien jagħmel sens.

**TIQAFX MAS-SINJAL**

Hemm ħafna attivitajiet sbieħ li jsiru matul il-Ġimgħa Mqaddsa, iżda dawn huma biss sinjali. Hemm proverbju Ċiniż li jgħid: Meta l-għaref jipponta sebgħu lejn il-qamar, l-iblah jibqa' jħares lejn sebgħu. Hekk jiġrilna jekk naħsbu li fil-Ġimgħa Mqaddsa biżżejjed nieħdu sehem f'attività, purċissjoni, wirjiet, is-seba' viżti, u ħafna attivitajiet simili.

**IL-LITURĠIJA TAGĦTI SENS**

Jekk ma ngħixx il-liturġija fil-Knisja f'dawn il-jiem, x'sens fihom l-affarijiet l-oħra? Jekk ma niltaqax ma' Kristu preżenti fil-liturġija, kif jista' jkun li dawn l-attivitajiet se jfakkruni f'min għadni ma nafux? Hekk is-sens ta' dak li suppost hu sinjal ta' Kristu jintilef u jsir kollox barra Kristjan, u l-iktar mumenti u misteri għeżież tal-fidi tagħna jsiru biss esibizzjoni tagħna nfusna.

Għalhekk, b'qalbi kollha nħeġġiġkom biex kulħadd ikun preżenti għaċ-ċelebrazzjonijiet kollha. Anki t-tfal. Il-liturġija hi post kulħadd.

- **Ħadd il-Palm** fil-**10.45am** korteo minn fuq San Ġakbu u fil-**11.00am quddiesa**.
- **It-Tnejn** nimxu wara **Ġesù Redentur**: fis-**6.00pm** Konċelebrazzjoni fil-Knisja ta' San Franġisk u wara pellegrinaġġ.
- **It-Tlieta** hu jum il-**Qrar**. Mistednin b'mod speċjali għaċ-Ċelebrazzjoni Penitenzjali fis-**6.30pm**. Tħallix il-piż itaqqlek.
- **L-Erbgħa** fis-**7.00pm Via Sagra** kateketika b'meditazzjonijiet fuq il-Passjoni skont San Ġwann għal kulħadd fil-Bażilika.
- **Ħamis ix-Xirka** fil-**5.00pm** it-Tifkira tal-Ikla tal-Mulej u fis-**7.00pm l-ħruġ tal-Purċissjoni penitenzjali**.
- **Il-Ġimgħa l-Kbira** fit-**8.00am** l-Uffiċċju tal-Qari, fid-**9.00am** iż-Żjajjar tas-Seba' Knejjes, u fit-**3.00pm Liturġija Solenni b'Tifkira tal-Passjoni u l-Mewt tal-Mulej**.
- **Sibt il-Għid** fit-**8.00am** l-Uffiċċju tal-Qari u fit-**8.30pm il-Velja Solenni tal-Għid**.

Nhar Ħamis ix-Xirka

## Jum is-Saċerdoti

## ITLOB GĦALIHOM



**FESTA WARA L-VELJA TAL-GĦID**

Wara l-Velja ta' Sibt il-Għid nagħmlu festa flimkien billi naqsmu ikel u ħelu. Nistiednu lil kull min jista' biex iġib xi ħaġa tal-ikel jew ħelu s-Sibt filgħodu jew waranofsinhar.

## SPEJJEŻ

**marbutin mal-Ġimgħa l-Kbira**

Għeżież, xtaqtkom tkunu tafu li l-Ġimgħa Mqaddsa lill-Parroċċa tiġiha ħafna spejjeż. Dan hu bix-xieraq, għax hi l-ġimgħa li fiha niċċelebraw l-ikbar misteri tal-fidi tagħna.

Ta' kull sena din il-ġimgħa tiġina madwar **€5,000**. Fost l-oħrajn dawn l-ispejjeż jintefqu fi fjuri, banda Maltija, Scouts, siġġijiet, figolli għat-tfal, u aktar.

Inħeġġu lil kulħadd biex bħal dejjem jagħti s-sehem tiegħu biex inkomplu nżommu din il-Ġimgħa verament Kbira fil-Fidi.

**KRONAKA** **11-04-2019** Nitolbu għal ruħ CLAIRE FARRUGIA li mietet fl-età ta' 43 sena.

**INTENZJONIJIET TAL-QUDDIES**

| | |
|---|---|
| 14-04-2019 | Ġużeppi u Ġanni Fenech |
| 15-04-2019 | Tonina Tabone – Ġanna u Toni Grech |
| 16-04-2019 | Carmelo u Ġużeppa Tabone |
| 17-04-2019 | Carmelo Curmi |
| 18-04-2019 | Ħamis ix-Xirka |
| 19-04-2019 | Il-Ġimgha l-Kbira |
| 20-04-2019 | Sibt il-Għid |

AGĦTIHOM, O MULEJ, IL-MISTRIEĦ TA' DEJJEM